Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0429(COD)

10.2.2026

EMENDI
19 - 53

Abbozz ta' rapport
Birgit Sippel
(PE784.310v01-00)

Emenda tar-Regolament (UE) 2021/1232 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu

Proposta għal regolament
(COM(2025)0797 – 2025/0429(COD))

Emenda 19
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 20
Sibylle Berg, Martin Sonneborn

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tkomplija tal-iskennjar volontarju, liema skennjar jiġi estiż b'din il-miżura, huwa dak li l-Kunsill qed jappella għalih fil-"qafas legali fit-tul" li bħalissa qed jiġi nnegozjat fit-trilogu. Il-Parlament ivvota kważi unanimament kontra dan u qed jappella għal skennjar immirat ta' persuni suspettati. L-approvazzjoni ta' dan ir-regolament iddgħajjef il-pożizzjoni tal-Parlament fit-trilogu. Barra minn hekk, dan ir-regolament ma għandux jiġi estiż sabiex finalment tingħalaq il-lakuna legali li għamlet is-sorveljanza tal-massa tal-komunikazzjoni privata possibbli bis-sospensjoni tad-drittijiet eżistenti.

Emenda 21
António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] jipprevedi reġim temporanju fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn ċerti fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali disponibbli pubblikament għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, sakemm jiġi adottat qafas legali fit-tul li jindirizza l-prevenzjoni ***ta' u l-ġlieda kontra l-abbuż*** sesswali tat-tfal online (il-"qafas legali fit-tul"). Dak ir-Regolament, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/1307, japplika sat-3 ta' April 2026.	(1) Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] jipprevedi reġim temporanju ***u limitat b'mod strett*** fir-rigward tal-użu ***volontarju*** ta' teknoloġiji minn ċerti fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali disponibbli pubblikament għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, sakemm jiġi adottat qafas legali fit-tul li jindirizza l-prevenzjoni ***tal-abbuż*** sesswali tat-tfal online ***u l-ġlieda kontrih*** (il-"qafas legali fit-tul")***. Dan ma jinvolvix obbligu ta' detezzjoni, monitoraġġ jew iffiltrar ġenerali tal-komunikazzjonijiet.*** Dak ir-Regolament, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/1307, japplika sat-3 ta' April 2026.
[2] Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (ĠU L 274, 30.7.2021, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1232/oj).	[2] Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (ĠU L 274, 30.7.2021, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1232/oj).

Or. en

Emenda 22
António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Huwa importanti li l-abbuż sesswali	(3) Huwa importanti li l-abbuż sesswali

tat-tfal online jkun jista' jiġi miġġieled b'mod effettiv, f'konformità ***mar-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni***, inklużi ***l-kundizzjonijiet*** stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1232, ***u mingħajr interruzzjoni, sakemm isiru*** l-adozzjoni u l-applikazzjoni ***tal-qafas*** legali fit-tul.	tat-tfal online jkun jista' jiġi miġġieled b'mod effettiv, f'konformità ***sħiħa mad-dritt tal-Unjoni u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali***, inklużi ***l-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità, il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u l-protezzjoni tad-data personali, kif ukoll il-kundizzjonijiet*** stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1232, ***sa ma jseħħu*** l-adozzjoni u l-applikazzjoni ***ta' qafas*** legali fit-tul.

Or. en

Emenda 23
Markéta Gregorová
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Huwa importanti li l-abbuż sesswali tat-tfal online jkun jista' jiġi miġġieled b'mod effettiv, f'konformità mar-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni, inklużi l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1232, u mingħajr interruzzjoni, ***sakemm isiru*** l-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-qafas legali fit-tul.	(3) Huwa importanti li l-abbuż sesswali tat-tfal online jkun jista' jiġi miġġieled b'mod effettiv, f'konformità mar-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni, inklużi l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1232, u mingħajr interruzzjoni, ***sa ma jseħħu*** l-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-qafas legali fit-tul. ***L-adozzjoni tal-qafas fit-tul jenħtieġ li ma tkunx marbuta ma' dan ir-Regolament u mal-estensjoni tiegħu.***

Or. en

Emenda 24
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-applikazzjoni ta' dan ir-

Regolament jenħtieġ li tkun strettament limitata għal teknoloġiji li la jdgħajfu l-kriptaġġ minn tarf sa tarf u lanqas ma jaqbżuh. Kwalunkwe miżura meħuda taħt din id-deroga trid tirrispetta l-essenza tad-dritt għall-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet kif minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Or. en

Emenda 25
António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Id-deroga prevista fir-Regolament (UE) 2021/1232 hija bbażata fuq reġim volontarju. Din l-estensjoni ma toħloqx, u ma tistax tiġi interpretata bħala li toħloq, obbligi addizzjonali għall-forniturі, u lanqas dmirijiet li n-nuqqas ta' konformità magħhom jista' jiskatta sanzjonijiet, multi jew responsabbiltà għan-nuqqas ta' użu ta' tali teknoloġiji.

Or. en

Emenda 26
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-protezzjoni tat-tfal hija parti vitali mis-soċjetà tal-Punent. Madankollu, sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-internet, huwa kruċjali li l-miżuri kollha għall-protezzjoni tat-tfal jittieħdu abbażi ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi li ma jimminawx

il-protezzjoni tal-privatezza b'mod mhux raġonevoli.

Or. fi

Emenda 27
António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) L-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232 jenħtieġ li ma twassalx għall-esternalizzazzjoni tal-funzjonijiet tal-infurzar tal-liġi lil entitajiet privati, u li lanqas ma tbiddel lill-fornituri f'għassiesa privati ta' sistema burokratika. L-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-infurzar tal-liġi kriminali jibqgħu r-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 28
António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Premessa 3c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3c) Is-sempliċi eżistenza ta' miżuri ta' detezzjoni volontarja mill-fornituri ma teħlisx lill-koleġiżlaturi mill-obbligu li jiżguraw li kwalunkwe deroga temporanja tirrispetta bis-sħiħ il-projbizzjoni ta' monitoraġġ ġenerali skont id-dritt tal-Unjoni u r-rekwiżiti tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

Or. en

Emenda 29
Markéta Gregorová
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1232 jiġi emendat biex jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu għal perjodu*** ta' ***żmien*** li ***jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju biex jiġi adottat il-qafas legali fit-tul*** u ***biex dan jibda japplika***.	(4) ***Il-Kummissjoni naqset milli tipprovdi evidenza tal-effettività u tal-proporzjonalità tad-deroga fiż-żewġ rapporti ta' implimentazzjoni tagħha. Ir-rapporti jissottolinjaw li s-servizzi jintużaw ħażin minn minoranza żgħira ta' utenti, fatt li ma jistax fih innifsu jiġġustifika l-ipproċessar indiskriminat tad-data ta' kontenut u tad-data dwar it-traffiku relatata magħha tal-komunikazzjonijiet tal-utenti kollha. Ir-rapporti jonqsu wkoll milli jipprovdu evidenza dwar in-neċessità u milli jagħtu prova tal-effettività tad-deroga fid-detezzjoni u t-tneħħija ta' materjal ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal online jew tas-solleċitazzjoni tat-tfal. Għalhekk, materjal ġdid u solleċitazzjoni tat-tfal jenħtieġ li jitneħħew mill-kamp ta' applikazzjoni***.

Or. en

Emenda 30
Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1232 jiġi emendat biex jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu għal perjodu ta' żmien li ***jkun limitat*** għal dak li huwa strettament neċessarju biex ***jiġi adottat*** il-qafas legali	(4) Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, ***u biex jiġi indirizzat in-nuqqas sinifikanti fil-ġbir u fir-rapportar tad-data identifikat fir-rapport ta' implimentazzjoni tal-2025 (COM(2025)740 final),*** jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1232 jiġi emendat***,***

fit-tul ***u biex dan*** jibda japplika.	***inkluż*** biex jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu għal perjodu ta' żmien ***sat-3 ta' Jannar 2027. Tali estensjoni jenħtieġ*** li ***tkun eċċezzjonali u limitata*** għal dak li huwa strettament neċessarju biex il-qafas legali fit-tul ***jiġi adottat u*** jibda japplika.

Or. en

Emenda 31
António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1232 jiġi emendat biex jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu għal perjodu ta' żmien li jkun ***limitat għal dak li huwa*** strettament neċessarju biex jiġi adottat ***il-qafas*** legali fit-tul u ***biex dan jibda japplika***.	(4) Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1232 jiġi emendat biex jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu għal perjodu ta' żmien li jkun strettament neċessarju biex jiġi adottat ***u jibda japplika qafas*** legali fit-tul***, mingħajr ma jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-deroga, mingħajr ma jiġu introdotti obbligi ġodda,*** u ***mingħajr ma tinbidel in-natura volontarja ta' kwalunkwe miżura li l-forniturijiddeċiedu li jieħdu***.

Or. en

Emenda 32
Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Ir-reġim temporanju previst fir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jenħtieġ li jkun limitat għal teknoloġiji stabbiliti

sew, li jkunu l-anqas intrużivi għall-privatezza u li jkunu qed joperaw fuq bażi legali adegwata skont ir-Regolament (UE) 2016/679, u li ma jirrikjedux id-dekriptaġġ sistematiku tal-komunikazzjonijiet jew il-ħolqien ta' vulnerabbiltajiet fil-kriptaġġ minn tarf sa tarf. Id-detezzjoni jenħtieġ li tkun limitata għal teknoloġiji li ma jqisux il-kontenut jew li joperaw fuq livell lokali qabel ma jseħħ il-kriptaġġ. Teknoloġiji tali li jintużaw jenħtieġ li ma jinkludux l-iffiltrar jew l-iskennjar sistematiku ta' komunikazzjonijiet li jkun fihom test, iżda jħarsu biss lejn komunikazzjonijiet speċifiċi f'każ ta' elementi konkreti ta' suspett. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fl-affidabbiltà, jenħtieġ li l-fornituri ma jużaw l-ebda għodda ta' detezzjoni dment li ma jkunux jistgħu juru li r-rata ta' żball ta' pożittivi foloz għal tali għodod ma taqbiżx 0,1 %.

Or. en

Emenda 33
Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) Jenħtieġ li f'dan ir-Regolament xejn ma jiġi interpretat bħala li jippermetti jew jirrikjedi d-dgħufija tal-kriptaġġ minn tarf sa tarf, filwaqt li t-teknoloġiji ta' detezzjoni jenħtieġ li jitfasslu b'mod li jirrispetta l-integrità ta' tali kriptaġġ mingħajr ma jkunu jirrikjedu l-ħolqien ta' backdoor. Kwalunkwe skennjar possibbli jenħtieġ li jikkonċerna biss videos u immaġnijiet sabiex jiġi identifikat materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 34
Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Premessa 4c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4c) Rapporti dwar iż-żieda ta' 1 325 % fil-materjal sesswali tat-tfal prodott bl-IA ġenerattiva jirrikjedu li d-detezzjoni volontarja tiġi kkalibrata b'mod li tiddistingwi l-materjal artifiċjali u tevita li r-riżorsi jiġu ddevjati mill-vittmi f'periklu immedjat. Tali miżuri jenħtieġ li jipprevjenu r-rivittimizzazzjoni tat-tfal permezz tal-mudelli tal-IA, filwaqt li jiżguraw li dan l-iżvilupp teknoloġiku ma jiġġustifikax monitoraġġ ġenerali, illaxkar tal-istandards tal-privatezza, jew id-dgħufija tal-kriptaġġ minn tarf sa tarf.

Or. en

Emenda 35
Markéta Gregorová
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) ***Meta titqies il-ħtieġa*** li ***tiġi żgurata ċ-ċertezza legali f'waqtha***, u ***meta titqies in-natura limitata tal-emenda prevista f'dan ir-Regolament***, ***jiġifieri l-estensjoni tal-perjodu*** ta' ***applikazzjoni tiegħu***, ***huwa xieraq*** li jiġi ***previst*** li ***dan ir-Regolament*** jenħtieġ li ***jidħol fis-seħħ kemm jista' jkun malajr***.	(5) ***Jenħtieġ li jsiru bidliet sostanzjali fil-qafas oriġinali stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1232. Jenħtieġ li jiġu introdotti limiti u salvagwardji ġodda. L-ipproċessar jenħtieġ li jkun permess biss minn awtorità ġudizzjarja u biss wara valutazzjoni diliġenti u oġġettiva*** li ***twassal għas-sejba ta' raġunijiet raġonevoli ta' suspett li rabta, tal-anqas waħda indiretta, tas-servizz ikkonċernat tkun qed tintuża***

ħażin minn utenti individwali, jew grupp speċifiku ta' utenti, jew bħala tali inkella bħala abbonati għal kanal speċifiku ta' komunikazzjoni għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. Raġunijiet raġonevoli huma dawk li jirriżultaw minn kwalunkwe informazzjoni affidabbli u miksuba legalment li jissuġġerixxu li utenti individwali, jew grupp speċifiku ta' utenti, jew bħala tali inkella bħala abbonati għal kanal speċifiku ta' komunikazzjoni jaf għandhom rabta, anki waħda indiretta jew remota, ma' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. Jenħtieġ li rabta ma' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal titqies li teżisti meta abbażi ta' evidenza oġġettiva jkun hemm suspett raġonevoli li tali materjal se jiġi identifikat fl-użu ta' servizz minn utent. Meta kanal jitħaddem speċifikament għall-fini ta' distribuzzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, l-abbonati għal dak il-kanal jenħtieġ li jitqiesu marbuta mal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. Imġiba li hija legali skont id-Direttiva 2011/93/UE jew il-liġi nazzjonali li tittrasponiha jenħtieġ li ma titqiesx bħala raġuni raġonevoli ta' suspett. Sabiex titwettaq tali valutazzjoni jeħtieġ li tiġi stabbilita komunikazzjoni effettiva bejn l-Awtorità ta' Koordinazzjoni u l-fornitur.

Or. en

Emenda 36
António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Meta titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali f'waqtha, u meta titqies in-natura limitata tal-emenda prevista f'dan ir-Regolament, ***jiġifieri l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu, huwa***	(5) Meta titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali f'waqtha, u meta titqies in-natura limitata tal-emenda prevista f'dan ir-Regolament, ***jenħtieġ li din ma tiġix interpretata li qed tibdel l-arkitettura tal-***

xieraq li jiġi previst li dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ kemm jista' jkun malajr.	***infurzar tar-Regolament (UE 2021/1232) jew li qed tikkonferixxi setgħat ġodda ta' infurzar vis-à-vis il-fornituri***.

Or. en

Emenda 37
Markéta Gregorová
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal prevista fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1232 trid tiġi interpretata billi titqies id-Direttiva 2011/93/UE. Għalhekk, il-komunikazzjoni personali bejn il-pari li jkunu taw il-kunsens tagħhom kif ukoll tfal ta' età akbar mill-età tal-kunsens sesswali u s-sħab tagħhom huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni sa fejn dawk l-immaġnijiet ma jkunux jinvolvu xi abbuż jew sfruttament jew ħlas jew remunerazzjoni għal prestazzjoni pornografika u l-immaġnijiet ma jkunux ġew disseminati mingħajr il-kunsens tal-partijiet involuti. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-immaġnijiet prodotti għal finijiet mediċi jew xjentifiċi, strettament verifikabbli bħala tali, jibqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 38
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-approċċ attwali, ibbażat fuq ir-Regolament (UE) 2021/1232, fejn il-forniturи ta' ċerti servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri jużaw it-teknoloġija fuq bażi volontarja biex jidentifikaw l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u jirrapportawh lill-awtoritajiet, huwa proporzjonat f'termini ta' protezzjoni tat-tfal u protezzjoni tal-privatezza. Dan l-approċċ jenħtieġ li jiġi applikat ukoll f'qafas leġiżlattiv permanenti.

Or. fi

Emenda 39
António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Jenħtieġ li xejn f'dan ir-Regolament ma jipprojbixxi, idgħajjef, jimmina jew jevita l-kriptaġġ minn tarf sa tarf, u l-forniturи jenħtieġ li la jiġu pprevenuti u lanqas skoraġġuti milli joffru servizzi kriptati minn tarf sa tarf.

Or. en

Emenda 40
Markéta Gregorová
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-

fornituri jqisu kif xieraq li t-teknoloġiji li jiskennjaw il-messaġġi testwali jew il-metadata ma jibqgħux permessi. L-iskennjar jenħtieġ li jikkonċerna biss videos u immaġnijiet sabiex jiġi identifikat materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal. It-teknoloġiji użati għal tali skennjar jenħtieġ li jkollhom rata ta' żball ta' 1 minn kull 50 biljun u jenħtieġ li jimplimentaw l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Jenħtieġ li jibnu fuq it-teknoloġiji eżistenti, b'mod partikolari l-użu ta' hashes ta' abbuż sesswali tat-tfal online magħruf.

Or. en

Emenda 41
António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) Kwalunkwe rapportar statistiku relatat mal-applikazzjoni ta' dan ir-reġim temporanju jenħtieġ li jirrispetta s-sussidjarjetà, jevita ċ-ċentralizzazzjoni, u jenħtieġ li ma jirrikjedix il-ġbir jew ir-rapportar ta' kategoriji sensittivi ta' data li tikkonċerna lit-tfal, inkluż il-"ġeneru"; jenħtieġ li jiżgura li kwalunkwe pubblikazzjoni jew trażmissjoni ta' informazzjoni aggregata ssegwi approċċ ta' neċessità u proporzjonalità, u ma timponix piżijiet u obbligi żejda fuq l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 42
Markéta Gregorová
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 5c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5c) Jenħtieġ li f'dan ir-Regolament xejn ma jiġi interpretat li qed jipprojbixxi, idgħajjef jew jimmina l-kriptaġġ minn tarf sa tarf. Id-deroga għall-iskennjar jenħtieġ li ma tapplikax għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika kriptata.

Or. en

Emenda 43
António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Ir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2023 u tas-27 ta' Novembru 2025 (ir-"rapporti ta' implimentazzjoni tal-2023 u tal-2025") ma jipprovdux evidenza konklużiva rigward il-proporzjonalità ta' din id-deroga, u lanqas ma fihom informazzjoni dettaljata biżżejjed dwar il-kategoriji differenti ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal identifikat jew dwar jekk id-detezzjonijiet irrapportati jkunux rriżultaw minn miżuri volontarji mill-fornituri tas-servizzi jew minn rapporti minn helplines jew utenti. Dan in-nuqqas ta' ċarezza jqajjem mistoqsijiet serji rigward in-neċessità u l-valur miżjud tal-istabbiliment, fil-futur, ta' aġenzija tal-UE li tqum ħafna flus, b'mod partikolari meta jitqies li l-maġġoranza l-kbira tal-attivitajiet ta' detezzjoni mill-fornituri jidhru li jiddependu primarjament fuq l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Istati Uniti.

Or. en

Emenda 44
Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2021/1232
Fl-Artikolu 10, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika sat-3 ta' ***April 2028***.	Għandu japplika sat-3 ta' ***Jannar 2027. Sa Ottubru 2026, il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni indipendenti li tevalwa speċifikament l-impatt tat-teknoloġiji użati fuq is-sigurtà u l-integrità tal-komunikazzjonijiet kriptati minn tarf sa tarf.***

Or. en

Emenda 45
Javier Zarzalejos

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2021/1232.
Artikolu 10 – paragrafu 2.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika sat-3 ta' ***April 2028***.	Għandu japplika sat-3 ta' ***Ottubru 2027***. *("Din l-emenda tapplika tul it-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti tul it-test kollu.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Perjodu ta' żmien suffiċjenti biex ikunu jistgħu jiġu konklużi n-negozjati interistituzzjonali tar-Regolament fit-tul, il-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, it-traduzzjoni fil-lingwi uffiċjali kollha, l-adozzjoni formali, il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, id-dħul fis-seħħ.

Emenda 46
Markéta Gregorová
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 3 – punt 1(a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Artikolu -1a
	Fir-Regolament (UE) 2021/1232, il-punt 1(a) tal-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	(a) l-ipproċessar ikun:
	(i) strettament meħtieġ għall-użu ta' teknoloġija speċifika għall-iskop uniku li jiġi identifikat u jitneħħa l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online magħruf u li dan jiġi rrapportat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal;
	(ii) proporzjonat u limitat għal teknoloġiji li jintużaw mill-fornituri għall-iskop stabbilit fil-punt (i);
	(iii) limitat għal data dwar il-kontenut li tkun strettament neċessarja għall-iskop stabbilit fil-punt (i);
	(iv) limitat għal dak li jkun strettament neċessarju għall-iskop stabbilit fil-punt (i);
	(v) immirat, speċifiku u limitat għal utenti individwali, grupp speċifiku ta' utenti, jew bħala tali inkella bħala abbonati għal kanal speċifiku ta' komunikazzjoni, li fir-rigward tagħhom ikun hemm raġunijiet raġonevoli ta' suspett ta' rabta, anki indiretta, ma' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, u li jkunu ġew identifikati minn awtorità ġudizzjarja kompetenti;
	(vi) il-komunikazzjonijiet interpersonali li għalihom jiġi applikat, ġie applikat jew se

jiġi applikat kriptaġġ minn tarf sa tarf mhumiex soġġetti għall-ipproċessar;

Or. en

Emenda 47
Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Fl-Artikolu 3, jiżdied il-paragrafu 1a li ġej

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Fl-Artikolu 3, jiżdied il-paragrafu 1a li ġej
	(1a) "It-teknoloġiji użati ma għandhomx jirrikjedu dekriptaġġi sistematiċi tal-komunikazzjonijiet jew il-ħolqien ta' vulnerabbiltajiet fil-kriptaġġ minn tarf sa tarf. Id-detezzjonijiet għandhom ikunu limitati għal teknoloġiji li ma jqisux il-kontenut jew li joperaw fuq livell lokali. Dawn ma għandhomx jinkludu skennjar sistematiku tat-test u t-teknoloġiji użati jridu jżommu rata ta' preċiżjoni dokumentata ta' mill-anqas 99,9 % biex jitqiesu affidabbli biżżejjed."

Or. en

Emenda 48
Markéta Gregorová
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 3 – punt 1(b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b

	Artikolu -1b
	Fir-Regolament (UE) 2021/1232, il-punt 1(b) tal-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	(b) it-teknoloġiji użati għall-iskop stabbilit fil-punt (a)(i) ta' dan il-paragrafu huma f'konformità mal-oġħla livell ta' żvilupp tekniku fl-industrija u huma l-anqas intrużivi possibbli għall-privatezza, inkluż fir-rigward tal-prinċipju tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku kif stabbilit fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/679 u jintużaw biss biex jidentifikaw immaġnijiet u videos magħrufa li jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online fil-komunikazzjonijiet mingħajr ma jkunu jistgħu jiddeduċu s-sustanza tal-kontenut tal-komunikazzjonijiet;
	Or. en

Emenda 49
Markéta Gregorová
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1c (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 3 – punt 1(d)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1c
	Artikolu -1c
	Fir-Regolament (UE) 2021/1232, il-punt 1(d) tal-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	(d) fir-rigward ta' teknoloġija ġdida, jiġifieri teknoloġija użata għall-iskop tal-identifikazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online li ma tkun intużat minn ebda fornitur b'rabta ma' servizzi pprovduti lill-utenti ta' servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali

indipendenti min-numri ("utenti") fl-Unjoni qabel it-2 ta' Awwissu 2021, il-fornitur jirrapporta lura lill-awtorità kompetenti dwar il-miżuri meħuda biex juri l-konformità mal-parir bil-miktub maħruġ f'konformità mal-Artikolu 36(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 mill-awtorità superviżorja kompetenti maħtura skont il-Kapitolu VI, it-Taqsima 1, ta' dak ir-Regolament ("l-awtorità superviżorja") matul il-proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel;

Or. en

Emenda 50
Markéta Gregorová
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1d (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 3 – punt 1(f)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1d
	Artikolu -1d
	Fir-Regolament (UE) 2021/1232, il-punt 1(f) tal-Artikolu 3 huwa mħassar.

Or. en

Emenda 51
Markéta Gregorová
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1e (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 3 – punt 1(g)(iii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	Artikolu 1e
	Artikolu -1e
	Fir-Regolament (UE) 2021/1232, il-punt 1(g)(iii) tal-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	(iii) jiżguraw li materjal li ma jkunx ġie identifikat preċedentement bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online permezz ta' mezzi oħra għajr l-użu tad-deroga ma jiġix irrapportat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal mingħajr konferma minn qabel mill-bniedem;

Or. en

Emenda 52
Markéta Gregorová
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1f (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 3 – punt 1(g)(vii)(4)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1f
	Artikolu -1f
	Fir-Regolament (UE) 2021/1232, il-punt 1(g)(vii)(4) tal-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	(4) l-għadd ta' każijiet identifikati ta' abbuż sesswali tat-tfal online magħruf;

Or. en

Emenda 53
Markéta Gregorová
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1g (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 9 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1g
	Artikolu -1g
	Fir-Regolament (UE) 2021/1232, il-punt 1 tal-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	1. Abbażi tar-rapporti ppreżentati skont l-Artikolu 3(1), il-punt (g)(vii), u l-istatistika pprovduta skont l-Artikolu 8, il-Kummissjoni għandha, sat-3 ta' Awwissu 2023, u kull nhar l-1 ta' Frar kull sena minn dakinhar 'il quddiem, tħejji rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tissottometti u tippreżenta dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en